# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 8 ta' April, 2025.**

**Numru 15**

**Rikors numru 65/2025/1**

**Agius Stone Works Limited**

**v.**

**Kunsill Lokali Valletta u d-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq minn Agius Stone Works Limited (minn issa 'l hemm imsejħa bħala "*ASWL*") kontra deċiżjoni finali mogħtija mill-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi fit-3 ta' Frar, 2025, li permezz tagħha ġiet ikkonfermata d-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill Lokali Valletta li jħassar is-sejħa għall-offerti dwar ir-restawr tal-faċċata u tal-kampnari tal-Knisja ta' San Pawl Nawfragu, fil-Belt Valletta.

**Daħla**

2. Fl-10 ta' Mejju, 2024, il-Kunsill Lokali Valletta ħabbar sejħa għall-offerti bin-numru VLC/T/02/2023b imsejħa «*Works – Tender For the Restoration of the External Facades and the Bell Towers, using Environmentally Friendly Paints of the St Paul's Shipwreck Church, Valletta.*»

3. Is-sejħa ngħalqet fit-3 ta' Ġunju, 2024 u dakinhar ġie mħabbar li kien hemm disa' offerenti li ħadu sehem fiha, bl-orħos offerta tkun dik ta' ASWL fl-ammont ta' €132,673.50.

4. Madwar tliet xhur wara, jiġifieri fl-4 ta' Settembru, 2024, ASWL irċeviet ittra elettronika ġenerata mill-*e-Tendering platform* illi kienet tgħid li din is-sejħa ġiet imħassra (ara paġna 41 tal-atti tal-kawża). Din l-ittra elettronika kienet tgħid hekk:

> *«Please be advised that the Call for Tenders "WORKS – TENDER FOR THE RESTORATION OF THE EXTERNAL FACADES AND THE BELL TOWERS, USING ENVIRONMENTALLY FRIENDLY PAINTS OF THE ST. PAUL'S SHIPWRECK CHURCH, VALLETTA (RE-ISSUE) with CfT Unique ID 'VLC/T/02/2023b' has been cancelled.»*

5. ASWL ma qablitx ma' din id-deċiżjoni li biha tħassret is-sejħa. Għalhekk fil-11 ta' Settembru, 2024 hija ressqet ittra ta' oġġezzjoni quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi. Fil-qosor l-ilmenti tagħha kienu dawn: (i) li t-tħassir tas-sejħa ma saritx skont ir-**Regolament**

**15(3)** u **(4) tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku** peress li d-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali Valletta mhux biss ma kienx fiha r-raġunijiet u s-sejbiet li taw lok għat-tħassir tas-sejħa iżda lanqas ma ġiet notifikata lill-partijiet li ħadu sehem fis-sejħa; (ii) li t-tħassir tas-sejħa ma kinitx soluzzjoni ġusta, jekk hekk kif ikkummenta s-sindku fuq il-mezzi soċjali kien hemm tassew xi nuqqasijiet min-naħa ta' xi membri mill-kumitat tal-għażla; u (iii) li f'kull każ it-tħassir tas-sejħa tmur kontra l-prinċipju tal-proporzjonalità għaliex issa l-prezzijiet tal-oblaturi ekonomiċi huma mikxufa.

6. Il-Kunsill Lokali wieġeb għal din l-ittra fl-20 ta' Settembru, 2024 u fil-qosor qal: (i) li huwa kien innotifika lil ASWL bid-deċiżjoni tat-tħassir tas-sejħa fl-4 ta' Settembru, 2024; (ii) li s-sejħa tħassret minħabba li kien hemm kunflitt ta' interess bejn membru tal-kumitat tal-għażla u wieħed mill-offerenti skont ir-**Regolament 16(1)(g) tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku**; (iii) li l-għoti tal-kuntratt kien għadu ma ġiex approvat meta tħassret is-sejħa; (iv) li l-kunflitt ta' interess ħareġ fid-deher meta għal-laqgħa tal-Kunsill tas-6 ta' Awwissu, 2024, biex jiġi approvat ir-rapport tal-kumitat tal-għażla, kien hemm preżenti membru tal-kumitat tal-għażla, rappreżentant ta' ASWL u l-Arċipriet tal-Knisja ta' San Pawl Nawfragu li ppruvaw jintervjenu waqt id-deliberazzjonijiet tal-Kunsill; u (v) li tħassir tas-sejħa kien wieħed ġust u proporzjonat fil-qafas tal-**Artikoli 18.2** u **18.3** tar-regoli li kienu jmexxu s-sejħa.

7. Wara li nstemgħu x-xhieda u s-sottomissjonijiet tal-partijiet, il-Bord ta' Reviżjoni Dwar Kuntratti Pubbliċi ddeċieda fit-3 ta' Frar, 2025 li jiċħad l-ilmenti ta' ASWL u kkonferma b'hekk id-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali Valletta tat-tħassir tas-sejħa. Ir-raġunijiet tal-Bord ġew imfissra hekk:

*«In considering this matter, the Board have taken into account the following:*

*1. Public Procurement Regulations: Regulation 16(1)(g) allows for the cancellation of a procurement process on grounds including "conflict of interest", given that the Contracting Authority enjoys the right to take all appropriate measures to effectively prevent such in the interests of avoiding distortion of competition and to ensure equal treatment of all economic operators.*

*2. Principle of Proportionality: The Contracting Authority's actions must be proportionate to the perceived conflict of interest. In the course of the appeal proceedings, although the conflict 'per se' remained unproven, certainly a perceived conflict was undeniably established by the presence of members of the public who incidentally happened to be: (i) the beneficiary of the contract; (ii) the director of Agius Stone Works Limited; and (iii) a member of the Evaluation Committee who had a direct involvement in the evaluation report and its content.*

*3. Lack of Transparency: Prior to the public hearing, there was no announcement that the report would be voted upon during such sitting.*

*4. CCTV Evidence: A photo from CCTV footage exhibited in these proceedings confirms the presence of certain individuals at the same location.*

***REASONS FOR DECISION***

*The Public Contracts Review Board is of the opinion that the Contracting Authority was correct in cancelling the tender following the incident on August 6th, 2024. This decision stems primarily from the lack of transparency regarding the voting process prior to the public hearing and the subsequent emergence of a perceived conflict of interest between one of the Evaluation Committee members and the Preferred Bidder.*

*While the principle of proportionality must be respected, it does not necessitate disclosure of all procedural steps leading up to the cancellation. In this instance, the absence of clear announcements regarding the voting procedure combined with the unexpected presence of certain individuals at the public hearing constitutes sufficient grounds for*

*cancellation under Regulation 16 (1)(g) of the Public Procurement Regulations.*

***The Board**,*

*Having evaluated all the above and based on the above considerations, concludes and decides:*

*1. That it does not uphold the Appellant's grievances.*

*2. Confirms that the Contracting Authority's actions in cancelling the tender following the discovery of potential conflict of interest are hereby deemed lawful within the context of these Regulations.*

*3. Moreover, and irrespective of the rights and obligations emanating from Regulation 16(g) of the Public Procurement Regulations conferred upon the Contracting Authority, the Board is hereby invoking Regulation 90(3) to cancel the tendering process as after having considered all the above and in the light of fairness, transparency, integrity throughout all stages of the tendering process and equal treatment to all bidders, it appears to this Board that cancellation of the tender is the best solution in the circumstances of the case.*

*4. Directs that the deposit paid by Appellant not to be reimbursed.»*

8. ASWL appellat minn din is-sentenza fil-21 ta' Frar, 2025 u talbet biex din il-Qorti tal-Appell tħassar kemm id-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi, kif ukoll id-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali marbuta mat-tħassir tas-sejħa u minflok tordna li jitkompla l-proċess tal-għoti tal-kuntratt. Minbarra dan, ASWL talbet ukoll li hija tingħata lura d-depożitu li ħallset biex oġġezzjonat quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi. Dan kollu bl-ispejjeż tal-appell jitħallsu mill-appellati.

9. Fil-qosor l-erba' aggravji li ġew imressqa minnha jistgħu jinġabru kif ġej: (i) li l-Kunsill Lokali naqas milli jagħti raġunijiet fid-deċiżjoni tiegħu li jħassar is-sejħa; (ii) li d-deċiżjoni tat-tħassir tas-sejħa kienet waħda

sproporzjonata għaliex ma ġiex ippruvat li kien hemm kunflitt ta' interess; (iii) li l-preżenza ta' persuni f'laqgħa pubblika fejn ġie diskuss ir-rapport tal-kumitat tal-għażla ma kellux iwassal għas-soluzzjoni estrema tat-tħassir tas-sejħa; u (iv) li s-sentenza tal-Bord hija nulla għaliex ma saritx it-traskrizzjoni tax-xhieda kollha li nstemgħu quddiem il-Bord ta' Reviżjoni Dwar Kuntratti Pubbliċi.

10. Il-Kunsill Lokali Valletta wieġeb għal dan l-appell fil-11 ta' Marzu, 2025 fejn fisser għalfejn dan l-appell għandu jiġi miċħud. Bħala punt tal-bidu, il-Kunsill talab biex din il-Qorti tneħħi l-*pen drive* mmarkat bħala Dok ASW6, li fih filmat tal-laqgħa tal-Kunsill miżmuma fis-6 ta' Awwissu, 2024, u dan minħabba li dan id-dokument ġie mehmuż mar-rikors tal-appell bħala prova ġdida bla ma AWSL fittxet minn qabel l-awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti sabiex titħalla ddaħħlu fl-atti tal-appell skont l-**Artikolu 150(d) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

11. Inżamm smigħ fit-13 ta' Marzu, 2025, u dakinhar ASWL l-ewwel ippreżentat nota li biha ċediet l-appell tagħha kontra d-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti u mbagħad talbet lil din il-Qorti biex tħalliha żżomm Dok. ASW6 fl-atti tal-appell.

12. Aktar tard, wara li l-avukati tal-partijiet għamlu l-aħħar argumenti tagħhom bil-fomm, il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

13. Din il-Qorti tqis li qabel ma tidħol fuq il-kwistjoni mqanqla mill-Kunsill Lokali Valletta fir-risposta tal-appell tiegħu dwar jekk għandux jitneħħa Dok. ASW 6 mill-atti tal-appell, ikun aħjar li fl-ewwel lok tindirizza l-ewwel aggravju ta' ASWL fuq in-nullità tad-deċiżjoni li biha l-Kunsill Lokali Valletta ħassar is-sejħa inkwistjoni. Dan għaliex jekk jirriżulta li d-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali hija tabilħaqq nulla, mela allura ta' xejn li din il-Qorti tistħarreġ dwar l-ammissibbiltà ta' Dok ASW6 li ġie mehmuż mar-rikors tal-appell.

14. Fil-qosor, fl-**ewwel aggravju** tagħha ASWL targumenta li d-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali Valletta li biha ġiet imħassra s-sejħa għandha tiġi ddikjarata bħala waħda nulla għaliex din ma ġietx motivata, hekk kif iridu r-**Regolamenti 15(3)**, **15(4)** u **272 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku**.

15. Dawn ir-**Regolamenti** msemmija minn ASWL jaqraw hekk:

> *«15. (3) Id-deċiżjoni li twassal għall-kanċellament tas-sejħa trid issir bil-miktub u jrid ikun fiha s-sejbiet u r-raġunijiet li wasslu biex din tkun inħarġet.*
>
> *...*
>
> *15. (4) Kopja ta' din id-deċiżjoni trid tiġi notifikata għand kull min ħa sehem fis-sejħa, li jkollu d-dritt li jwaqqagħha billi jressaq ilment quddiem il-Bord ta' Reviżjoni. L-istess proċedura msemmija fir-regolament 276 għandha tapplika mutatis mutandis ukoll għal din il-proċedura.*
>
> *...*

*272. Il-komunikazzjoni lil kull offerent jew kandidat konċernat tal-għoti propost jew tal-kanċellament tas-sejħa għall-offerti għandu jkun fiha sommarju tar-raġunijiet rilevanti li jirrigwardaw ir-rifjut tal-offerta kif imfisser fir-regolament 242 jew ir-raġunijiet li għalihom is-sejħa għall-offerti qed tiġi kanċellata wara li jagħlaq il-perijodu tal-pubblikazzjoni, u permezz ta' dikjarazzjoni preċiża dwar il-perijodu eżatt ta' waqfien.»*

16. ASWL tisħaq li l-Kunsill Lokali Valletta ma pprovda l-ebda raġuni biex jiġġustifika l-kanċellament tas-sejħa. Tgħid li għalkemm hija rċeviet ittra elettronika dwar it-tħassir tas-sejħa, din l-ittra però kienet sajma għalkollox minn kull raġuni għalfejn is-sejħa ġiet imħassra. Tkompli tgħid li l-unika raġuni wara t-tħassir, jekk tista' tissejjaħ hekk, ħarġet biss minn dak li s-Sindku tal-Kunsill Lokali Valletta kiteb fuq il-profil personali tiegħu illi għandu fuq il-mezzi soċjali, fejn stqarr li s-sejħa tħassret minħabba kuntatti li jixli illi kien hemm bejn xi membri tal-kumitat tal-għażla u xi offerenti li ħadu sehem fis-sejħa. ASWL ittenni li dan in-nuqqas ta' motivazzjoni kellu jwassal lill-Bord ta' Revizjoni dwar Kuntratti Pubbliċi biex jirrevoka u mhux jikkonferma d-deċiżjoni tat-tħassir tas-sejħa meħuda mill-Kunsill Lokali Valletta.

17. Il-Kunsill Lokali Valletta wieġeb għal dan l-aggravju billi saħaq li ASWL xorta seħħilha tappella quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi u għalhekk ma tistax targumenta li hija ġiet imċaħħda milli tressaq l-oġġezzjoni quddiemu. Iżid jgħid li s-sistema tal-EPPS ma kinitx tħalli l-Kunsill jagħti r-raġunijiet għalfejn is-sejħa ġiet imħassra għaliex din is-sistema tagħtik biss il-fakultà li tagħfas buttuna biex tindika li s-sejħa kienet qiegħda titħassar. Barra minn hekk, il-Kunsill jargumenta li huwa

mexa skont ir-**Regolamenti 18.2** u **18.3(e)** tal-***General Rules Governing Tenders*** għaliex kien hemm irregolaritajiet fil-proċedura li fixklu l-kompetizzjoni ġusta.

18. Din il-Qorti titlaq billi tgħid li skont ir-**Regolamenti 9(2)** u **166 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku**, l-awtoritajiet kontraenti mniżżla fl-Iskeda 3 għandhom is-setgħa li joħorġu, jamministraw u jiddeterminaw waħidhom il-kuntratti pubbliċi kollha tagħhom mingħajr il-ħtieġa tal-involviment tad-Direttur tal-Kuntratti.

19. Il-Kunsilli Lokali huma fost dawk l-awtoritajiet kontraenti li jinsabu mniżżla f'din l-Iskeda 3. Għalhekk f'dan il-każ, il-Kunsill Lokali Valletta bħala awtorità kontraenti li tamministra waħidha l-kuntratti pubbliċi tagħha, kellha kull jedd li tħassar is-sejħa mertu ta' din il-kawża.

20. Dan il-jedd tal-Kunsill Lokali Valletta li jħassar is-sejħa però kellu jiġi eżerċitat b'ħarsien sħiħ ta' dak li jitlob ir-**Regolament 15 tar-Regolamenti dwar Kuntratti Pubbliċi**.

21. Sewwasew skont ir-**Regolament 15(1)**, l-għotja ta' kuntratt pubbliku tista' tiġi mħassra f'kull waqt tal-proċess tas-sejħa, jiġifieri, kemm qabel ma jiġi mħabbar l-offerent magħżul (bħalma ma kellna f'dan il-każ); u saħansitra anke wara li jintagħżel l-offerent u jkun laħaq anke għadda

ż-żmien biex jitressqu lmenti quddiem il-Bord ta' Reviżjoni jew il-Qorti tal-Appell, jekk kemm-il darba jinstab illi l-għotja ta' dak il-kuntratt tkun saret bi ksur tar-**Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku** jew tkun ingħatat b'mod li jiddiskrimina bejn l-operaturi ekonomiċi. Barra minn hekk skont ir-**Regolament 15(2)** jista' jkun hemm ukoll tħassir ta' proċedura tal-offerti jekk proċess ta' evalwazzjoni ma jkunx intemm sat-tmiem tal-perjodu ta' validità tal-offerti sottomessi.

22. Għad li r-**Regolament 15** isemmi dawn iż-żewġ ċirkostanzi biss meta sejħa tista' tiġi mħassra, dan ma jfissirx b'daqshekk li l-awtorità kompetenti li toħroġ u tamministra s-sejħa hija miżmuma milli tniżżel raġunijiet oħra ta' kanċellament bħala parti mid-dokument tas-sejħa. Bħalma ngħad fis-sentenza ***Polaris Marine Services Co Ltd v. Direttur Ġenerali - Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura et*** deċiża fit-30 ta' Lulju, 2024, sakemm dawk ir-raġunijiet tal-kanċellament ikunu jifformaw parti mid-dokument tas-sejħa u jkunu b'hekk magħrufa minn qabel lill-oblaturi ekonomiċi interessanti, allura ma hemm xejn illegali jew irregolari jekk jiżdiedu raġunijiet oħra għall-kanċellament tas-sejħa. Basta biss li jekk jiżdiedu dawn ir-raġunijiet, dak li jkun ma jiġix imtellef mill-jedd tiegħu li jekk irid jikkontesta dak il-kanċellament skont ir-**Regolament 270 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku**.

23. Fil-każ tagħna, il-Kunsill Lokali Valletta jsostni fir-risposta tal-appell tiegħu li s-sejħa tal-lum ġiet imħassra skont l-**Artikoli 18.2** u **18.3(e)** tal-***General Rules Governing Tenders*** li jaqraw hekk:

> *«18.2 In the event of a tender procedure's cancellation, tenderers will be notified by the Central Government Authority/Sectoral Procurement Directorate/Contracting Authority.*
>
> *18.3 Cancellation may also occur where:*
>
> *...*
>
> *(e) there have ben irregularities in the procedure, in particular where these have prevented fair competition.»*

24. Jekk dawn ir-regoli ġenerali kienu jifformaw parti mid-dokument tas-sejħa, mela allura dawn kellhom is-saħħa ta' liġi bejn il-partijiet, b'dana li meta l-offerenti tefgħu l-offerta tagħhom, huma ġew li aċċettaw li joqogħdu għal dawn ir-regoli (ara ***Polaris Marine Services Co. Ltd v. Awtorità għat-Trasport f'Malta et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Ġunju, 2024).

25. Il-kwistjoni iżda fil-każ tal-lum mhijiex li l-Kunsill Lokali Valletta ma setax iħassar is-sejħa minħabba xi irregolarità fil-proċedura kif imfisser fl-**Artikoli 18.3(e)** tal-***General Rules Governing Tenders***. Mod ieħor il-kwistjoni li għandna quddiemna hija li meta l-Kunsill Lokali Valletta ddeċieda li jħassar is-sejħa, dan naqas milli jagħti raġunijiet għal xiex kien qiegħed iħassarha.

26. F'dan ir-rigward il-liġi tgħid fir-**Regolament 15(3) tar-Regolamenti dwar Kuntratti Pubbliċi** li d-deċiżjoni li twassal għall-kanċellament tas-sejħa trid issir bil-miktub u jrid ikun fiha s-sejbiet u r-raġunijiet li wasslu biex din tkun inħarġet. Minn kliem il-liġi għalhekk id-deċiżjoni ta' kanċellament ta' sejħa jrid ikun fiha mhux biss ir-raġunijiet li wasslu t-tħassir tas-sejħa iżda jrid ikun fiha anke s-sejbiet (*findings*).

27. Huwa bil-wisq ċar li l-ittra elettronika tal-4 ta' Settembru, 2024, riprodotta f'paragrafu 4 ta' din is-sentenza, u li biha ASWL ġiet mgħarrfa bit-tħassir tas-sejħa ma tista' qatt titqies bħala deċiżjoni li tħares dak mitlub fir-**Regolament 15(3) tar-Regolamenti dwar Kuntratti Pubbliċi**. Din l-ittra elettronika ma fiha l-ebda tagħrif ta' x'kienu s-sejbiet u r-raġunijiet li wasslu lill-Kunsill Lokali Valletta biex iħassar is-sejħa inkwistjoni. Ta' xejn għalhekk li l-Kunsill Lokali jipprova jirreferi għall-**Artikoli 18.2** u **18.3(e)** tal-***General Rules Governing Tenders*** ladarba fid-deċiżjoni tal-kanċellament ma sar l-ebda sura ta' aċċenn għalihom.

28. Il-Kunsill Lokali iżda jgħid ukoll li s-sistema tal-EPPS ma kinitx tippermettielu jimmotiva d-deċiżjoni tal-kanċellament. Jirreferi hawnhekk għax-xhieda ta' Adrian Mifsud, il-kap tal-kumitat tal-għażla, li qal li sa fejn jaf hu, kulma hemm fl-EPPS huwa buttuna li malli tagħfasha titħassar is-sejħa u xejn iktar.

29. Din il-Qorti tqis li hija ma tantx tista' toqgħod wisq fuq ix-xhieda ta' dan Adrian Mifsud għaliex jidher li dan ma kienx konvint mija fil-mija dwar dak li kien qiegħed jgħid. Barra minn hekk, din il-Qorti jkollha tistqarr li ssibha ferm diffiċli temmen li s-sistema tal-EPPS ma tħallikx ittella' deċiżjoni bir-raġunijiet għalfejn sejħa ġiet imħassra. Dan għaliex din il-Qorti mhux l-ewwel darba li ltaqgħet ma' deċiżjonijiet ta' kanċellament ta' sejħiet pubbliċi li ma kellhomx problemi biex dawn jiġu motivati kif trid il-liġi (ara ***Polaris Marine Services Co Ltd v. Direttur Ġenerali - Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura et*** deċiża fit-30 ta' Lulju, 2024, ***Melchiore Dimech v. Ministeru għall-Finanzi u Xogħol et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Novembru, 2023 u ***Ragonesi & Company Ltd v. Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Awwissu, 2023).

30. F'kull każ, din il-Qorti jidhrilha li ma kien hemm xejn milli jżomm lill-Kunsill Lokali milli jibgħat deċiżjoni motivata b'mezz ieħor hekk kif jitlob ir-**Regolament 15(3) tar-Regolamenti dwar Kuntratti Pubbliċi**, jekk tassew kien hemm xkiel biex din id-deċiżjoni tintbagħat permezz tal-EPPS (ħaġa li kif ingħad qabel ma tinżilx wisq lil din il-Qorti).

31. Hu x'inhu l-każ però, xorta waħda jibqa' l-fatt, li deċiżjoni motivata min-naħa tal-Kunsill Lokali Valletta bir-raġunijiet u bis-sejbiet għalfejn is-sejħa kienet qiegħda tiġi mħassra baqgħet ma saret qatt.

32. Mhux biżżejjed f'dan ir-rigward li s-Sindku tal-Kunsill Lokali kiteb dwar it-tħassir tas-sejħa fuq il-mezzi soċjali. Dak li s-Sindku kkummenta fuq il-profil personali tiegħu ma jirrappreżentax il-pożizzjoni tal-Kunsill iżda jekk xejn jirrappreżenta biss il-fehma personali tiegħu. Fuq kollox, biex jiġi sodisfatt dak imsemmi fir-**Regolament 15(3)** u **(4)** fuq riprodott, id-deċiżjoni tal-kanċellament kellha mhux biss tinkiteb mill-Kunsill Lokali Valletta iżda din kellha wkoll tiġi notifikata lil ASWL. Żgur li dawn iż-żewġ ħtiġijiet ma ġewx sodisfatti bil-kummenti li s-Sindku għamel fuq il-mezzi soċjali.

33. Il-Kunsill Lokali Valletta ma jistax isib wens lanqas fuq is-sentenza appellata mogħtija mill-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi għaliex il-Bord ma stħarriġx l-ilment ta' ASWL dwar in-nullità tad-deċiżjoni tal-kanċellament minħabba nuqqas ta' ħarsien tar-**Regolament 15(3)** u **(4)**. Hawnhekk il-Bord ma mexa xejn sew għaliex huwa marbut jiddeċiedi l-oġġezzjonijiet kollha li jitressqu quddiemu u mhux iħallihom barra (ara ***General Cleaners Co. Ltd v. Heritage Malta et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Ottubru, 2022).

34. Imma anke jekk stess, din il-Qorti kellha tagħlaq għajn waħda u tgħid li ASWL ma ġietx preġudikata minħabba n-nuqqas ta' raġunijiet fid-deċiżjoni tal-kanċellament, peress li tajjeb jew ħażin, ASWL saret taf għaliex tħassret is-sejħa mir-risposta bil-miktub li l-Kunsill Lokali Valletta

ressaq quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi, xorta waħda però d-deċiżjoni tal-Kunsill ma tistax tiġi salvata għaliex din jidher li ma ġiet imsejsa fuq ebda sejbiet.

35. Biżżejjed jingħad li għalkemm il-Kunsill Lokali Valletta qed isostni li rriżulta li kien hemm kunflitt ta' interess li fixkel il-kompetizzjoni fis-sejħa, meta għal-laqgħa pubblika tas-6 ta' Awwissu, 2024 (fejn ġie diskuss ir-rapport tal-kumitat tal-għażla), kien hemm preżenti għaliha membru tal-kumitat tal-għażla, rappreżentant ta' ASWL u l-Arċipriet tal-Knisja ta' San Pawl Nawfragu, b'danakollu jidher li kien hemm saħansitra kunsillieri stess li ma kinux qegħdin jifhmu fiex kien jikkonsisti dan il-kunflitt ta' interess (ara x-xhieda tal-kunsillieri Dr Roberta Bonello u Vincent Fabri).

36. Il-frażi «*kunflitti ta' interess*» tinsab imfissra fir-**Regolament 2 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku** b'dan il-mod:

> *«"kunflitti ta' interess" għall-inqas tfisser kull sitwazzjoni fejn persuna, inklużi membri tal-persunal tal-awtorità kontraenti jew ta' fornitur ta' servizzi li jaġixxu f'isem l-awtorità kontraenti, li huma involuti fit-tmexxija tal-proċedura ta' akkwist jew jistgħu jinfluwenzaw ir-riżultat ta' dik il-proċedura, li għandhom, direttament jew indirettament, interess finanzjarju, ekonomiku jew interess personali ieħor li jista' jitqies li jikkomprometti l-imparzjalità u l-indipendenza tagħhom fil-kuntest tal-proċedura ta'akkwist.»*

37. Ingħad dan l-aħħar fis-sentenza ***Hitachi Zosen Inova AG – Terna S.A. v. Dipartiment tal-Kuntratti*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Ġunju, 2024, illi l-kunċett ta' kunflitt ta' interessi għandu natura oġġettiva

u sabiex dan jiġi determinat għandhom jiġu injorati l-intenzjonijiet tal-persuni kkonċernati, b'mod partikolari r-rieda tajba tagħhom. Biss però s-sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interessi trid tkun waħda reali u mhux waħda sempliċement ipotetika.

38. Issa l-liġi tgħid li hemm kunflitt ta' interess jekk persuna jkollha direttament jew indirettament, xi interess finanzjarju, ekonomiku jew interess personali ieħor li jista' jitqies li jikkomprometti l-imparzjalità u l-indipendenza tagħhom fil-kuntest tal-proċedura ta' akkwist.

39. Fil-każ tal-lum, huwa minnu li kien x'aktarx stramb kif għal-laqgħa pubblika tas-6 ta' Awwissu, 2024 inzertaw kien hemm preżenti dawn it-tliet min-nies, imma b'daqshekk biss dan ma jfissirx allura li kien hemm bilfors kunflitt ta' interess. Hekk ukoll, għad li l-Kunsill Lokali Valletta jsemmi li l-kompetizzjoni tas-sejħa ġiet imfixkla, huwa mkien ma jispjega kif ċertu oblaturi ġew vantaġġati u oħrajn ġew żvantaġġati għar-raġuni biss li dawn it-tliet min-nies kienu preżenti għal-laqgħa pubblika meta l-Kunsill Lokali kellu jivvota fuq ir-rapport tal-kumitat tal-għażla. Wara kollox, jidher li meta kien ħa jittieħed il-vot dakinhar tal-laqgħa, ir-rapport tal-kumitat tal-għażla kien ġa lest. Barra minn hekk, għalkemm qam pogrom sħiħ dwar l-intervent tal-Arċipriet, ma jirriżultax kif dan l-intervent tiegħu fixkel il-proċess kompetittiv tas-sejħa u dan irrispettivament ta' jekk dan l-intervent sarx qabel jew wara t-teħid tal-vot.

40. Terġa' u tgħid, kienu s-sindku u l-kunsilliera stess li stqarrew li ma investigawx fuq il-kunflitt ta' interess li jgħidu li ħassew illi kien hemm. Jidher li l-Kunsill Lokali Valletta għażel li jħassar is-sejħa fuq ir-raġuni biss li dawn it-tliet persuni kienu preżenti għal-laqgħa. Ifisser għalhekk li ma jistax jingħad li l-Kunsill Lokali Valletta ħassar din is-sejħa fuq is-saħħa ta' xi sejbiet, hekk kif titlob il-liġi. Joqgħod hawnhekk dak li ngħidu fil-qawl Malti li: Bil-jekk u bil-jewwilla ma timla ebda bixkilla. Tassew deċiżjoni estrema ta' tħassir ta' sejħa għandha tissejjes fuq fatti oġġettivi u mhux ħsibijiet mistħajla.

41. Sfiq ma' dan, il-Kunsill Lokali Valletta lanqas mank spjega għaliex huwa mar għas-soluzzjoni tat-tħassir tas-sejħa minflok warrab l-offerent li kien milqut mill-kunflitt ta' interess jew għallinqas talab li jsir rapport ġdid ta' evalwazzjoni tal-offerti minn membri ġodda. Ma ninsewx hawnhekk, li jekk minħabba kunflitt ta' interess, oblatur għandux jiġi skwalifikat jew jingħatax żmien biex ineħħi dak il-kunflitt jiddependi fuq jekk il-kunflitt ikunx ġa laħaq ta vantaġġ kompetittiv lil dak l-oblatur (ara ***Bonnici Bros. Projects Ltd et v. Onor. Ministru Għas-Saħħa noe et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Lulju, 2018).

42. Billi allura l-Kunsill Lokali Valletta jidher li ma għamel l-ebda stħarriġ biex jikkonferma jew jelimina s-suspetti ta' kunflitt ta' interess li jgħid kellu, din il-Qorti m'għandhiex għażla oħra ħlief li tħassar id-deċiżjoni tat-tħassir

tas-sejħa minħabba li din ma saritx kif irid ir-**Regolament 15(3) tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku**.

43. L-ewwel aggravju ta' ASWL għalhekk huwa wieħed siewi. U peress li sejra titħassar id-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali Valletta, din il-Qorti ma tarax għalfejn għandha tiddeċiedi t-talba tal-Kunsill dwar jekk għandux jitneħħa Dok. ASW6 mill-atti tal-appell. Għalkemm din il-Qorti jkollha tistqarr li l-filmat ta' dak li ġara fil-laqgħa kien rilevanti biex wieħed ikollu prova oġġettiva quddiemu ta' dak li ġara waqt dik il-laqgħa.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda **tilqa'** l-appell billi tħassar is-sentenza tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi u billi tħassar ukoll id-deċiżjoni tal-kanċellament tas-sejħa meħuda mill-Kunsill Lokali Valletta u b'hekk terġa' tqiegħed kollox fis-sitwazzjoni li kienet qabel ma ngħatat id-deċiżjoni tal-kanċellament tas-sejħa.

Tordna wkoll illi d-depożitu mħallas minn Agius Stone Works Limited biex setgħet tressaq l-oġġezzjoni tagħha quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi jintradd lura lilha.

Fl-aħħar nett tordna li l-ispejjeż ta' dan l-appell u l-ispejjeż marbuta mal-proċeduri quddiem il-Bord ta' Revizjoni Dwar Kuntratti Pubbliċi, magħduda magħhom dawk li tħallsu biex setgħu saru t-traskrizzjonijiet tax-xhieda, għandhom jitħallsu kollha kemm huma mill-Kunsill Lokali Valletta.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb